MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 6 ta' Marzu 2021**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**Vs**

**Kedan Awad (Numru tal-Pulizija 20N-045)**
**Aforke Kebroum (Numru tal-Pulizija 20N-105)**
**Benedict Ireobhude (Karta tal-identità Taljana AV9951766)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Kedan Awad, Aforke Kebroum u Benedict Ireobhude** li ġew imressqa quddiemha akkużati talli fil-5 ta' Marzu 2021, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer:

1. Iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaport, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaport, li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom;

2. Kif ukoll talli xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati;

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokumenti, meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkunu ffalsifikati skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, liema ammissjonijiet ġew ikkonfermati wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom u spjegatilhom il-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qegħdin jinstabu ħatja l-imputati, il-fedina penali tagħhom, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom.

In vista tan-natura tar-reati kommessi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputati għandhom jiġu trattati b'piena ta' priġunerija effettiva, anke in vista tal-fatt li dawn ir-reati jaffettaw is-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati **Kedan Awad, Aforke Kebroum, u Benedict Ireobhude** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom u lil **Kedan Awad u lil Aforke Kebroum** tikkundannahom għal tnax (12)-il xahar priġunerija kull wieħed filwaqt li lil **Benedict Ireobhude** tikkundannah għal tmien (8) xhur priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur